MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru 616/2002

**Il-Pulizija**
(SpetturChris Galea Scannura)
**vs**
**Roosevelt Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:-

Roosevelt Psaila ta' 26 sena bin Paul u Josephine xebba Cardona imwieled Pieta' fit-22 ta' Jannar 1978 u residenti gewwa il-fond 67, Triq Pawlu Magri, Luqa.

Talli:- Fil-lejl ta' bejn is-07 u t-08 ta' Gunju 2002 gewwa Hal-Qormi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu u cioe' Pauline Psaila u dan skond ma ccertifikat it-Tabiba Dr. Diane Tabone, MD. Tad-

Dipartiment tal-Casualty’ ta’ l-Isptrar San Luqa ai termini ta’ l-artikolu 216 tal-Kapitlu 9.

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmija persuna sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmlilha l-hsara u ukoll talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’xi mod iehor.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li x-xhud principali tal-prosekuzzjoni, mart l-akkuzat, li allegatament garrbet griehi gravi, ghazlet li ma tixhedx.

Billi l-akkuza ma tirrizultax il-Qorti ma ssibx l-akkuzat hati u tehilsu minn kull htija u kastig.

Tirrakkomanda li ghall-gid ta’ binhom il-mizzewgin Psaila jaghmlu li jistghu biex jirrikonciljaw ruhhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------